TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Ġunju, 2023**

**Talba Nru: CCT16/23/DS**

**Alison Azzopardi**

**Vs**

**Domal**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti prezentat fit-3 ta' Frar, 2023 fejn hija talbet illi tiġi rifuża l-ammont ta' tminn mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€855) mingħand is-soċjeta' intimata wara illi biċċa għamara illi xtrat mingħandha ma tistgħax tingħalaq sew anke wara diversi tentattivi sabiex titranġa;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavolat risposta

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti u tar-rapprezentanti tas-soċjeta' intimata bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi l-attriċi preżentat kronoloġija tal-fatti minn mindu nxtrat l-għamara mertu ta' din il-kawża sal-lum. Ir-rapprezentant tas-soċjeta' attriċi fl-ebda istant ma ċaħad din il-kronoloġija tal-fatti għalkemm fir-risposta tas-soċjeta' intimata, per eżempju jingħad illi l-għamara ittieħdet darbtejn għat-tiswija mentri l-attriċi tindika bosta aktar drabi meta sar dan it-tentattiv illi xorta fl-aħħar mill-aħħar ma wassalx sabiex din l-għamara titranġa b'mod sodisfaċjenti.

Bażikament l-attriċi tħoss illi din l-għamara għandha difett illi ma jistgħax jitranġa, hija fil-fatt tgħid illi l-bieba hija mibruma, filwaqt illi s-soċjeta' intimata tinsisti illi kulma jrid isir huwa illi l-attriċi tagħmel ftit tal-isforz biex tagħlaqha u dan għaliex il-bieba ma kienetx *standard* iżda itwal mis-soltu *stante* li kienet *custom made*. L-attriċi minn naħa tagħha tgħid illi dan m'huwiex il-każ u illi hija ħallset flus tajbin għall-għamara u ma tippretendix illi din m'għandhiex tingħalaq sew tant illi jkollha saħansitra timbuttaha b'saqajha biex tingħalaq.

L-attriċi preżentat l-order form sabiex turi illi din l-għamara swiet €855. Dan l-ammont ma kienx ikkontestat.

Dan it-Tribunal jinnota illi mix-xhieda tal-attriċi joħroġ ċar illi dan id-difett fil-bieba ħareġ ftit jiem biss wara li nxtrat u hija immedjatament infurmat lill-bejjiegħ tant illi r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata jikkonferma dan. Dan it-Tribunal in oltre jinnota illi l-fatt illi l-għamara kienet *custom made* ma għandu jinċidi bl-ebda mod fuq il-kwalita' tal-għamara inkluż il-fatt illi din għandha tingħalaq b'mod tajjeb mingħajr ħafna sforzi.

Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta f'Artikolu 79 jippreskrivi xahrejn żmien sabiex wieħed jinnotifika lill-bejjiegħ meta oġġett mixtri jkollu nuqqas ta' konformita' sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati r-rimedji legali. Dan iż-żmien ma kienx għadda meta l-attriċi ġibdet l-attenzjoni tal-bejjiegħ dwar dan id-difett. *Di piu* Artikolu 78 iżomm il-bejjiegħ responsabbli lejn il-konsumatur fuq nuqqas ta' konformita' meta tali non-konformita' timmanifesta ruħha fi żmien sentejn mill-konsenja. Anki f'dan l-aspett din il-kawża taqa' fil-parametri tal-liġi.

It-Tribunal iffaċċjat b'talba attriċi illi tirreferi speċifikament għall-rifużjoni tal-ammont imħallas u r-ritorn tal-għamara mixtrija jifdallu biss jara jekk tali rikjesta taqgħax taħt waħda mir-rimedji legali preskritti mill-liġi. Fil-fatt Artikolu 74(3)(b) jitkellem propju dwar dan. Il-konsumatur, skont dan is-sub-inċiż, ikollu dritt illi jittermina l-kuntratt ta' bejgħ meta jirriżulta nuqqas ta' konformita' minkejja li l-bejjiegħ ikun ipprova jġib l-oġġetti f'konformita. Dan huwa preċiżament dak illi ġara f'dan il-każ *stante* illi għalkemm saru tentattivi varji sabiex tali għamara tiġi konformi mal-aspettattiva leġittima ta' dak li kellu jkun il-prodott, tali tentattivi kienu futili għaliex il-bieba xorta baqgħet difettuża. Dan it-Tribunal għaldaqstant iħoss illi huwa minnu illi l-bieba hija fil-fatt mibruma u mhux il-każ illi tista' titranġa.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, u wara li qies iċ-

ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provat l-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti, jqis il-kuntratt ta' bejgħ terminat u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirrifondi s-somma ta' tminn mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€855) lill-attriċi meta hija tirritorna l-għamara lis-soċjeta' intimata a spejjeż tal-istess soċjeta'. Sabiex jiġi ffaċilitat dan, is-soċjeta' intimata għandha tara li tagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex tinġabar l-għamara mingħand l-attriċi f'ġurnata u ħin illi huma konvenjenti għaliha.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**